**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Numru: 1243/02 AJD.**

**Active Travel Limited**

**vs**

**Sharon Ellul Bonici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, u disgha u hamsin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1,059.96) dovuti mill-konvenuta lis-socjeta' attrici skond prospett esebit u mmarkat bhala Dok. A u dana rapprezeentanti l-prezz ta' diversi biljetti u seervizzji ohrajn relatati mas-safar.

Bl-ispejjes u bl-imghax kummercjali dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Joe Caruana, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, u disgha u hamsin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1,059.96) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**